# OMM L-IRJIEĦ.....jew IT-TRAMUNTANA

**Br. John Spiteri S.J.**

1. Ħasbitha it-Tramuntana,
Li żżewweġ pront fil-ħin,
Lil-BIĊE u 'l GREGORJU (i)
Li qed jegħmżu l-xulxin.

2. Qaltilhom biex jiżżewġu,
Tagħthom id-dota t-tnejn,
Sħab mimli Silġ u Borra,
Beraq jgħammex l-għajnejn.

3. Ix-xhud fost l-irjieħ kollha
Kien proprju l-Majjistral,
Ferħilhom minn qiegħ qalbu
Li jkollhom ħafna tfal (ii)

4. U bdiet ix-xita nieżla.
U fawwret kullimkien!!
L-art saret qisha baħar!!
L-istess saru widien!!

5. Ferħet it-Tramuntana
U stiednet il-ġirien,
Lil Lvant u l-Punent sieħbu
Biex jieħdu grogg flimkien.

6. Ix-Xlokk għammed it-trabi (iii)
S'intendi l-ilmijiet...
Bil-fietel mhux bil-kiesaħ!!
Li niżel mis-smewwiet.

7. Niżlet il-barka t'Alla,
Malta ferħet b'dan il-ġid!!
Kun af itlob għax-xita
Iżda meta Alla jrid!! (iv)

**Noti:** (i) Biċe tfisser LBIĊ, Gregorju tfisser GRIGAL;
(ii) Tfal tfisser XITA;
(iii) Trabi tfisser XITA;
(iv) Meta Alla jrid tfisser il-qawl: "Riħ u xita Alla jaf meta".